# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 413/2016JB

Numru: 80

**Keith Psaila (K.I.: 396083M)**

***vs***

**Vincent Xuereb (K.I.: 82266M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Ottubru 2016 fejn l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn euro (€2,000) rapprezentanti self *brevi manu* maghmul mill-Attur lill-Konvenut. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-21 ta' Novembru 2016 (a fol 5);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 6), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, l-Attur irnexxielu jipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur is-somma ta' €2,000 bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba. Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*